# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 860/20 MH**

**Illum, 24 ta' Novembru, 2021**

**Elton Cauchi (K.I. 434491M)**

**vs**

**Joseph Pace (K.I. 587450M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tat-28 ta' Settembru 2020** li permezz tiegħu ippremetta u talab –

*Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma*

1. *Illi l-kontendenti ffirmaw konvenju datat 10 ta' Ġunju 2020 fl-atti tan-nutar Nicholas Charles Vella fejn l-intimat wiegħed li jbiegħ u l-attur obbliga ruħu li jixtri "In-Nuda Propjeta tal-Maisonette bin-numru tnejn (2), Conception Street, Marsa, bl-arja libera tiegħu, sovrapost għal-*

*propjeta ta' terzi persuni, liberu u frank, bid-*drittijiet *u il-*pertinenzi *kollha tiegħu il' quddiem msejħa il-*Propjeta. *Il-Venditur qiegħed jirriserva l-użufatt tal-propjeta sal-eventwalita' li hu jiġi ċċertifikat mediku li huwa ma jistax jibqa joqgħod waħdu u li għandu jmur jew jinġabar ġewwa dar tal-anzjani jew care home" u dan versu il-prezz ta' ħamsa u għoxrin elf (25,000) Ewro;*

2. *Illi l-att finali kellu jsir sal-għaxra (10) ta' Settembru 2020;*

3. *Illi pero' hekk kif sejjer jirriżulta waqt is-smiegħ u trattazjoni ta' din il-kawża, l-intimat naqas milli jidher fuq l-att finali u dan mingħajr raġuni valida fil-liġi;*

4. *Illi r-rikorrent kien wkoll għalhekk kostrett li jipproċedi b'ittra uffiċjali bin-numru 2778/2020 ai termini tal-artikolu 1357(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi għalkemm hekk interpellat l-intimat naqas milli jidher fuq il-kuntratt finali;*

6. *Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment;*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;*

1.) *Tiddikjara li l-intimat naqas milli jidher fuq l-att finali tal-konvenju datat 10 ta' Ġunju 2020 fl-atti tan-nutar Nicholas Charles Vella rigwardanti 'In-Nuda Propjeta tal-Maisonette bin-numru tnejn (2), Conception Street, Marsa, bl-arja libera tiegħu, sovrapost għal-propjeta ta' terzi persuni, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu l'quddiem msejħa l-Propjeta. Il-Venditur qiegħed jirriserva l-użufatt tal-propjeta sal-eventwalita' li hu jiġi ċċertifikat mediku li huwa ma jistax jibqa' joqgħod waħdu u li għandu jmur jew jinġabar ġewwa dar tal-anzjani jew care home'.*

2.) *Tordna lill-intimat jersaq għal-att finali wara il-konvenju datat 10 ta' Ġunju, 2020 fl-atti tan-Nutar Nicholas Charles Vella;*

3.) *Tinnomina lin-Nutar Nicholas Charles Vella, jew nutar pubbliku ieħor, sabiex jirċievi u jippublika l-att ta' trasferiment relattiv;*

4.) *Tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt;*

5.) *Tinnomina kuratur sabiex jirrappreżenta lill-intimat fuq l-att finali fl-eventwali kontumaċja tal-istess intimat.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 2778/20 u l-intimat minn issa nġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **id-digriet tagħha tal-1 ta' Diċembru 2020** permezz ta' liema fost oħrajn ordnat in-notifika tar-rikors ġuramentat, tad-dokumenti mehmuża miegħu u d-

digriet innifsu imsemmi lill-konvenut filwaqt li appuntat il-każ għas-smiegħ għall-24 ta' Marzu 2021[1].

Rat li l-**konvenut ġie debitament notifikat bl-atti relattivi fis-6 ta' Jannar 2021**[2] u ma ntavola ebda tweġiba entro t-termini tal-liġi.

Rat **ir-rikors ta' Christopher Pace, iben il-konvenut, tas-26 ta' Jannar 2021** permezz ta' liema talab hekk[3] –

*Jesponi bir-rispett ILLI:*

1. *Nhar is-6 ta' Jannar 2021, Joseph Pace, li huwa missier l-esponenti ġie notifikat bil-kawża numru 860/2020MH.*

2. *Din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għal nhar l-24 ta' Marzu, 2021.*

3. *L-ewwelnett, għandu jingħad li l-konvenut Joseph Pace, mhux compos mentis (Dok. 'A') u għalhekk dan ir-rikors qiegħed isir in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 188A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *F'dawn iċ-ċirkustanzi, essenzjalment minħabba l-inkapaċita' mentali ta' Joseph Pace, l-imsemmi Pace ma jistax iwieġeb il-kawża li nfetħet kontrih bil-ġurament tiegħu; għalhekk, f'dan l-istadju huwa impossibbli għall-istess Joseph Pace, li jintavola r-risposta bl-eċċezzjonijiet tiegħu sabiex jiddefendi l-kawża odjerna. Hija propju għal din ir-raġuni li l-*

[1] Fol 9
[2] Fol 34
[3] Fol 10 et seq

*esponenti Christopher Pace, iben l-istess Joseph Pace irrikorra b'dan ir-rikors.*

5. *F'dan l-istadju, b'referenza għal kronoloġija tal-fatti fuq il-mertu ta' dan ir-rikors u anke tal-kawża odjerna, u għal kull buon fini, qiegħed jingħad illi, l-esponenti Christopher Pace (iben il-konvenut), kien diġa' interpella lill-kontro-parti u allura lill-attur Elton Cauchi, b'ittra ġudizzjarja (ref. 2774/2020, datata 3 ta' Settembru 2020), sabiex il-konvenju redatt bejn il-partijiet, quddiem in-Nutar Nicholas Charles Vella, nhar l-10 ta' Ġunju, 2020), jiġi rexiss, inter alia, għar-raġuni li Joseph Pace, ma kienx, fid-data tal-iffirmar tal-istess konvenju, kapaċi jikkuntratta kif trid il-Liġi. Illi minkejja li l-attur Elton Cauchi, ġie debitament notifikat b'dan l-att ġudizzjarju fl-10 ta' Settembru, 2020, Elton Cauchi baqa' qatt ma rrisponda għall-att mibgħut min l-istanti Christopher Pace (Dok. 'B').*

6. *Għal kull bon fini qiegħed jingħad li l-propjeta' li fuqha hemm il-kwistjoni odjerna oriġinarjament kienet tappartjeni lil Joseph u lil martu defunta Carmela Pace bint Joseph Pace u Cioncetta nata Briffa. Mart Joseph Pace mietet nhar id-9 ta' Frar 2013, u mir-riċerki nutarili l-imsemmi Joseph Pace huwa l-eredi tagħha. Jirriżulta ukoll li l-esponenti Christopher Pace huwa l-uniku wild tal-konjugi Pace. (Dok. 'Ċ').*

7. *Ma dan ir-rikors sejjer jiġi anness ukoll, kopja tal-kontijiet bankarji ta' Joseph Pace (Dok. 'D') kif ukoll stima tal-Perit Mario Cassar tal-propjeta' in kwistjoni li ġġib l-indirizz bin-numru tnejn (2), Conception Street, Marsa (jew Ħamrun) (Dok. 'E'). L-istima in kwistjoni merament turi li l-fond imsemmi huwa stmat li jiswa madwar mitt elf euro (EUR100,000); u allura ferm aktar mill-prezz li ġie pattwit għall-bejgħ il-konvenju de quo – is-somma pattwita bħala prezz tal-bejgħ fuq dan il-*

*konvenju kienet dik ta' ħamsa u għoxrin elf euro (EUR25,000). Qiegħed jiġi anness ukoll kopja tal-konvenju li fuqha qiegħdha tiġi imsejsa l-kawża odjerna.*

8. *L-esponenti Christopher Pace jenfasizza illi missieru huwa mentalment inkapaċi, (u li kien mentalment inkapaċi anke waqt l-iffirmar tal-konvenju li qiegħdha tiġi imfittxa l-esegwilibita' tiegħu) kif ġie ċertifikat mill-psikjatra Dr. Joseph F. Spiteri (vide Dok. 'A'). Illi l-esponenti huwa l-uniku tifel u main caregiver tiegħu ta' Joseph Pace. Naturalment fin-nuqqas ta' kapaċita' mentali, missier l-esponenti ma jistax jintvola r-risposta maħlufa fl-atti tal-kawża odjerna, u fin-nuqqas ta' intervent ġudizzjarju lanqas jista' jkun l-iben li jaħlef ir-risposta għal missieru. Illi l-esponenti ma setgħax jirrikorri għal-proċedura t'interdizzjoni u/jew inkapaċitazzjoni ta' missieru qabel mal-missier jitpoġġa taħt il-kustodja, dan skont kif jipprovdi, l-artikolu 188A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre skont dak li jipprovdu l-istess providementi tal-artikolu 188A sejntament is-subinċiż (4), il-Qrati fl-istadju ta' proċeduri Ċivili, jekk hekk jidrilha li "parti tista' teħtieġ li tkun soġġetta għal kustodja", dik l-istess Onorabbli Qorti għandha tirreferi dik il-kwistjoni lill-Bord Dwar il-Kustodja – huwa propju għalhekk li qiegħed isir dan ir-rikors.*

9. *Dan ir-rikors qiegħed jitressaq b'talba biex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dawk l-ordnijiet li jidrilha ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 188A(4) flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 188B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, in vista taċ-ċirkustanzi li jinsab fihom missier l-esponenti, l-konvenut Joseph Pace.*

10. *In oltre, qiegħdha issir talba ukoll sabiex ai termini tal-artikolu 106 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, in vista taċ-ċirkustanzi imsemmija*

*f'dan ir-rikors, jittawwal it-terminu tal-għoxrin (20) jum imposti għat-tweġiba maħlufa tal-konvenut Joseph Pace.*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tirreferi l-kwistjoni tal-inkapaċita' mentali ta' Joseph Pace, kif miġjuba f'dan ir-rikors, lill-Bord dwar il-Kustodja, stabbilit skont it-Titolu lllA tat-Taqsima ll tat-Tieni Ktieb tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex tiġi deċiża minn dak il-Bord, ai termini tal-artikolu 188A(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tippronunzja ruħha dwar it-terminu tal-għoxrin (20) jum impost fuq il-konvenut Joseph Pace, ai temrini tal-artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sens li ttawwal it-termini tat-tweġiba maħlufa tal-kawża odjerna, skont ma jidrilha meħtieġ, ai termini tal-artikolu 106 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Okkorrendo, tagħti d-direzzjonijiet u ordnijiet opportuni.*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors.

Rat **ir-risposta tal-attur tad-19 ta' Frar 2021** għal dan ir-rikors permezz ta' liema wieġeb hekk[4]-

[4] Fol 37

*Jesponi bir-rispett u jikkonferma:*

1) *Illi l-esponenti jibda billi jirrileva illi huwa ppreżenta rikors ġuramentat datat 28 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu fetaħ il-każ odjern limitatament fil-konfront ta' Joseph Pace vis-a-vis konvenju li ġie ffirmat volontarjament bejn il-partijiet fl-10 ta' Ġunju 2020 quddiem in-nutar Nicholas Charles Vella.*

2) *Illi jissemma li l-esponenti ġie notifikat bir-rikors mhux ġuramentat ta' Christopher Pace datat 26 ta' Jannar 2021 pero jinsab sorpriż u xxokjat kif tali rikors ġie ppreżentat u sussegwentement iddaħħal fil-proċess odjern, huma biss il-partijiet li għandhom ikunu awtorizzati jippreżentaw il-każ tagħhom u m'hemm l-ebda dispożizzjoni legali li tawtorizza lill-istess Christopher Pace jippreżenta risposta fil-forma ta' rikors bis-sottomissjonijiet tiegħu;*

3) *Illi preliminarjament it-talba kontenuta fir-rikors odjern hija rritwali għaliex dak li kellu se mai jitlob ir-rikorrent Christopher Pace huwa n-nomina ta' kuratur ad litem a tenur tal-artikolu 783(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-proċedura kkontemplata fl-artikolu 188A(4) tal-Kap 16 hija intiża għal-ċirkostanzi differenti meta fil-kors ta' proċeduri il-Qorti jkun jidrilha ex ufficio illi hemm persuna li mhix kapaċi tiġġestixxi il-partimonju tagħha u ma jkun hemm ħadd li jista jiġġestixxi il-partimonju f'isimha, u allura jkun hemm bżonn referenza lill-Bord imsemmi biex jinħatar kustodju. Tenut kont illi ma saritx talba taħt l-artikolu 783(1) kif jingħad fil-premess entro it-terminu t' għoxrin jum, allura il-konvenut huwa issa fi stat ta' kontumaċja. Li kieku sar rikors kif qiegħed jingħad, il-Qorti kienet tkun tista tinnomina psikjatri jew perit mediku sabiex jsir l-eżami qabel ma tiddegreta tali talba;*

4) *Illi mingħajr preġudizzju għal-argument suespost, jingħad wkoll li hemm kontradizzjoni sħiħa bejn dak li jissottometti Christopher Pace fil-punt numru 4 fejn jingħad illi "minħabba l-inkapaċita' mentali ta' Joseph Pace, l-imsemmi Pace ma jistax iwieġeb il-kawża li nfetħet kontrih bil-ġurament tiegħu" u t-talba li saret fejn din l-Onorabbli Qorti ġiet mitluba "ttawwal it-termini tat-tweġiba maħlufa tal-kawża odjerna" fejn għalhekk qed jintalab li l-Qorti takkorda terminu addizjonali għal-preżentazzjoni ta' risposta;*

5) *Illi Christopher Pace qatt ma seta jipprevalixxi ruħu mis-sitwazzjoni billi jippreżenta rikors fejn f'parti minnu jitlob li jkun hemm referenza ai termini tal-artikolu 188A(4) tal-Kap 16 u fl-istess ħin jidħol fuq il-kronoloġija tal-fatti li taw lok għal-proċeduri odjerni;*

6) *Illi se mai jekk ir-rikorrenti odjern qed jagħmel talba taħt l-artikolu 188A(4) tal-Kap 16 messu waqaf biss sabiex jitkellem fuq l-allegat stat mentali ta' missieru Joseph Pace;*

7) *Illi skond Dok. A ppreżentat minn Christopher Pace jidher li allegatament Jospeh Pace għandu storja ta' "a two year history of severe cognitive impairment" pero jidher wkoll li din il-kundizzjoni qatt ma ġiet indirizzata mill-konvenut jew familjari tiegħu u cioe qatt ma saru l-ebda proċeduri sabiex jiġi dikjarat interdett u/jew inkapaċitat u għalhekk din hija biss skuża konvenjenti li qed titqajjem minn individwu stranjer għal dawn il-proċeduri;*

8) *Illi jiġi rilevat li b'referenza għal-kronoloġija tal-fatti bla preġudizzju għal dak li intqal aktar il'fuq, jingħad fl-ewwel lok illi l-intimat Joseph*

*Pace huwa kontumaċi u dwar il-meritu tar-rikors jirriżulta li l-esponenti kien ppreżenta ittra uffiċjali propju fit-3 ta' Settembru 2020 u dan sabiex jinterpella lill-istess Joseph Pace sabiex jersaq għall-kuntratt finali biss pero huwa baqa inadempjenti. Kemm qabel kif wkoll wara l-ftuħ tal-proċeduri odjerni ma ttieħdet l-ebda azzjoni sabiex tirrimedja l-allegat kwistjoni tal-kapaċitajiet mentali tal-konvenut.*

9) *Illi jingħad li n-nutar ħa kull kawtela qabel ma fil-fatt irrediga l-konvenju li fuqu saru il-premessi ta' dan ir-rikors u għalhekk kieku n-nutar Nicholas Charles Vella ħass li kien hemm xi inkapaċita' da parte tal-intimat kien l-obbligu tiegħu li jressaq l-istess u rediex il-konvenju;*

10) *Illi l-esponenti jirrispinġi t-talbiet ta' Christopher Pace u dan peress illi Joseph Pace kien f'sensih meta ffirma l-konvenju u għalhekk huwa responsabbli għal-effetti kollha tal-istess konvenju;*

11) *Illi jekk il-Qorti tasal biex tieħu deċiżjoni vis-a-vis l-artikolu 188A tal-Kap 16, din il-Qorti għandha l-ewwel tinnomina esperti fil-qasam sabiex jeżaminaw lil Joseph Pace u dan qabel ma tibgħat lill-istess Joseph Pace quddiem il-Bord stabbilit skond it-titolu IIIA tat-Taqsima II tat-Tieni ktieb tal-Kap 12;*

12) *Illi pero' hekk kif sejjer jirriżulta waqt is-smiegħ u trattazjoni ta' din il-kawża l-intimat qiegħed jipprova iqarraq bis-sistema billi l-ewwel jidħol f'konvenju legali u validu u imbagħad jipprova jabbuża mill-allegat stat mentali tiegħu u jwaqqa l-istess konvenju mingħajr ma lanqas jittieħdu l-proċeduri neċessarji għal-interdezzjoni u inabilitazzjoni;*

*13) Illi l-fatt li Christopher Pace ma istiwixxiex il-proċeduri neċessarji ai termini tal-artikolu 188A tal-Kap 16 fil-konfront tal-interdizzjoni ta' missieru Joseph Pace ma jikkostitwixxix impediment leġittimu li jiġġustifika l-kontumaċja u se mai it-talba għal-estenzjoni tat-terminu għandha ssir mill-intimat u mhux minn Christopher Pace u dan speċjalment meta huwa Christopher Pace stess li qed jinsisti li Joseph Pace jista jippreżenta risposta meta huwa jitlob għal-estenzjoni fit-terminu;*

*14) Illi bla preġudizzju għal dak kollu li ntqal aktar il'fuq, l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż konnessi mat-talbiet ta' Christopher Pace una volta jekk din il-Qorti tiġi biex tilqa t-talbiet tiegħu;*

*15) Illi l-esponenti isostni li t-talbiet fir-rikors ta' Christopher Pace għandhom jiġu miċħuda u li addirittura, l-istess r-rikors għandu jiġi sfilzat u dan minħabba li m'għandu l-ebda locus standi kif spjegat fil-premess;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 2778/20 u l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.*

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tal-attur u tad-difensur tar-rikorrent Christopher Pace.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għad-digriet dwar ir-rikors tas-26 ta' Jannar 2021.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tordna lill-konvenut jersaq għall-iffirmar tal-att finali ta' kompro-vendita tan-nuda proprjeta' ta' maisonette bin-numru 2, Conception Street, ġewwa l-Marsa wara li bejn il-partijiet kien ġie ffirmat konvenju fl-10 ta' Ġunju 2020. Dan il-konvenju ġie ffirmat quddiem in-nutar Dr Nicholas Charles Vella u l-prezz miftiehem kien dak ta' €25,000. Il-konvenju kien validu sal-10 ta' Settembru 2020.

Fit-3 ta' Settembru 2020 l-attur interpella lill-konvenut permezz ta' ittra uffiċjali sabiex ai termini tal-artiklu 1357 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jaddivjeni minnufih għall-att finali ta' kompro-vendita tal-proprjeta' msemmija[5].

Fl-istess jum, Christopher Pace ukoll intavola ittra uffiċjali[6] li permezz tagħha nterpella lil Elton Cauchi sabiex jersaq għar-rexissjoni tal-konvenju in kwistjoni stante li, fi kliemu, anke kif inhu pależi mill-prezz tat-trasferiment prospettiv, missieru mhuwhiex, u ma kienx fid-data tal-iffirmar tal-konvenju kapaċi li jikkuntratta kif trid il-liġi.

Il-kawża odjerna ġiet intavolata fit-28 ta' Settembru 2020 u minkejja d-debita notifika tal-atti, l-konvenut personalment ma ntavola ebda tweġiba entro 20 jum skont il-liġi.

Invece, fl-20 jum minn mindu l-istess konvenut kien ġie notifikat, ibnu Christopher Pace intavola r-rikors in eżami fejn fost oħrajn ippremetta li l-konvenut Joseph Pace mhux *compos mentis* u għalhekk ir-rikors kien qiegħed isir ai termini 188A et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent ippremetta wkoll li minħabba l-inkapaċita' mentali tiegħu, il-konvenut mhuwhiex f'qagħda

[5] Fol 8
[6] Fol 13

li jwieġeb il-kawża li nfetħet kontrih bil-ġurament tiegħu u għalhekk f'dan l-istadju huwa mpossibbli għalih sabiex jintavola r-risposta bl-eċċezzjonijiet tiegħu sabiex jiddefendi ruħu fil-kawża odjerna. Fiċ-ċirkustanzi r-rikorrent talab lill-Qorti sabiex –

(1) Tirreferi l-kwistjoni tal-inkapaċita' mentali ta' Joseph Pace lill-Bord dwar il-Kustodja, stabbilit skont it-Titolu IIIA tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex tiġi deċiża minn dak il-Bord, ai termini tal-artikolu 188A (4)[7] tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tippronunzja ruħha dwar it-terminu tal-għoxrin jum impost fuq il-konvenut Joseph Pace, ai termini tal-artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens li ttawwal it-termini tat-tweġiba maħlufa tal-kawża odjerna, skont ma jidhrilha xieraq ai termini tal-artikolu 106 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) Okkorrendo, tagħti d-direzzjonijiet u ordnijiet opportuni.

In sostenn tat-talba tiegħu r-rikorrent Pace preżenta diversi dokumenti fosthom ċertifikat (mhux ġuramentat) tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri datat 6 t'Awwissu 2020 li jgħid li eżamina lill-konvenut Joseph Pace u li fil-fehma tiegħu –

*"He has a two year history of severe cognitive impairment. On examination today he showed marked disturbed cognitive function and non insight. He has non memory and is unable to assess value of things. He is of unsound mind. He is unable to exert his civil rights. He would benefit from interdiction. His main carer is his son Mr Chris Pace 182284 (M)."*

[7] Waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2021 id-difensur tar-rikorrent issenjala li fejn fir-rikors hemm referenza għall-artikolu 188B (4) għandha tinqara 188A (4)

Minn naħa tiegħu l-attur oppona dawn it-talbiet għal diversi raġunijiet fosthom li r-rikors in eżami huwa rritwali għax *se mai* dak li r-rikorrent Christopher Pace kellu jitlob huwa n-nomina ta' kuratur *ad litem* ai termini tal-artikolu 783(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ukoll, fil-fehma tal-attur il-proċedura kkontemplata fl-artikolu 188A (4) tal-Kap 16 hija ntiża għal ċirkustanzi differenti meta fil-kors ta' proċeduri l-Qorti jkun jidhrilha *ex officio* li hemm persuna li mhix kapaċi tiġġestixxi l-patrimonju tagħha u ma jkun hemm ħadd li jista' jiġġestixxi l-patrimonju f'isimha u allura jkun hemm bżonn referenza lill-Bord imsemmi biex jinħatar kustodju. La ma saritx talba taħt l-artikolu 783(1) kif premess entro t-terminu ta' għoxrin jum, allura l-konvenut huwa issa kontumaċi. Li kieku sar ir-rikors kif qed jingħad, il-Qorti kienet tkun tista' tinnomina psikjatri jew perit mediku sabiex isir l-eżami qabel ma tiddegreta tali talba. L-attur ikompli jgħid li hemm kontradizzjoni bejn dak li jissottometti r-rikorrent Christopher Pace fejn jgħid li *"minħabba l-inkapaċita' mentali ta' Joseph Pace, l-imsemmi Pace ma jistax iwieġeb il-kawża li nfetħet kontrih bil-ġurament tiegħu"* u t-talba li saret fejn din il-Qorti ġiet *mitluba "ttawwal it-termini tat-tweġiba maħlufa tal-kawża odjerna"* fejn qed jintalab li l-Qorti takkorda terminu addizzjonali għall-preżentazzjoni ta' risposta. Inoltre, l-fatt li Christopher Pace ma istitwixxiex il-proċeduri neċessarji ai termini tal-artikolu 188A tal-Kap 16 fil-konfront tal-interdizzjoni ta' missieru Joseph Pace ma jikkostiwixxix impediment leġittimu li jiġġustifika l-kontumaċjau se mai it-talba għall-estensjoni tat-terminu għandha ssir mill-konvenut u mhux minn Christopher Pace.

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel talba tar-rikorrent Christopher Pace hija bażata fuq **l-artikolu 188A (4) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Għal kull buon fini jingħad fl-ewwel lok li l-artikolu 188A flimkien mal-artikolu 188B, 188Ċ u 188D iddaħħlu wara l-artikolu 188 bħala parti minn Subitolu ġdid imsejjaħ "Fuq il-Kustodja" permezz ta' l-Att XXIV tal-2012. Imbagħad permezz tal-Att XXIV tal-2016 kien ġie emendat is-subartikolu 1 tal-artikolu 188A tal-Att.

L-artikolu 188A fl-intierita' tiegħu jipprovdi hekk–

*"(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-Subtitolu II fuq l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni, persuna tal-età b'diżordni mentali jew b'kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha tista' tkun soġġetta għal kustodja; u minkejja l-imsemmija dispożizzjonijiet tas-Subtitolu II fuq l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni, sa fejn dan ikun possibbli, il-ġenituri ta' persuna b'diżabilità tal-età b'diżordni mentali jew b'kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, għandhom ifittxu l-ewwel li jqiegħdu lill-persuna b'diżabilità taħt kustodja qabel ma jfittxu l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni tal-istess persuna.*

*(2) L-istess għandu japplika fir-rigward ta' minuri msemmi fl-artikolu 156.*

*(3) It-talba għall-ħatra ta' kustodju jew kustodji konġunti tista' ssir minn kull persuna li volontarjament tixtieq li tkun soġġetta għal kustodja jew minn kull persuna msemmija fl-artikolu 189(3) ta' dan il-Kodiċi jew fl-artikolu 521 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

***(4) Jekk, waqt xi proċeduri Ċivili, il-Qorti jidhrilha li parti tista' teħtieġ li tkun soġġetta għal kustodja, il-Qorti għandha tirreferi l-kwistjoni lill-Bord dwar il-Kustodja, stabbilit skont it-Titolu IIIA tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex tiġi deċiża minn dak il-Bord.***

*(5) Għall-finijiet ta' dan is-*Subtitolu *u sakemm il-kuntest ma jkunx jeħtieġ xort'oħra, il-kliem "diżordni mentali" u "kundizzjoni oħra" għandu jkollhom l-istess tifsira hekk kif mogħti lilhom fl-*artikolu 189(4)*:*
*"diżabilità" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-*Attdwar *Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità;*
*"diżordni mentali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtijalilha fl-*Att dwar is-*Saħħa Mentali:*
*Iżda kull referenza f'dawk it-tifsiriet għal "inkapaċità tal-moħħ" jew għal "Żvilupp imwaqqaf jew mhux komplet tal-moħħ" ma għandhomx jinftiehmu bħala referenza għal diżordni mentali għall-finijiet ta' dan is-*Subtitolu.*"*

Imbagħad l-artikolu 188B tal-Att jelenka l-funzjonijiet tal-Kustodju -

*"Kustodju għandu:*
*(a) jkun responsabbli biex iħares il-*benesseri personali *u tal-proprjetà tal-persuna li tagħha jiġi maħtur bħala* kustodju;
*(b) jaġixxi minflok il-persuna li tagħha jkun ġie maħtur bħala kustodju f'materji ta' natura personali jew ta'proprjetà matul dak il-*perjodu li fih dik il-persuna hi *kunsidrata bħala mhux kapaċi li teżegwixxi xi att wieħed jew aktar tal-ħajja ċivili kif speċifikat fl-*Ordnidwar il-Kustodja*;*
*(ċ) jagħmel kull ħaġa oħra għal u f'isem il-*persuna *li tagħha jkun ġie maħtur* bħala kustodju hekk kif *ikun hekk ordnat jew awtorizzat jagħmel mill-*Bord dwar *il-Kustodja stabbilit taħt it-*Titolu IIIA *tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja jew kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmulin taħt dan is-*Subtitolu.*'*

Għal dak li jirrigwarda l-ħsieb oriġinali li eventwalment wassal lill-Parlament Malti biex jintroduċi dawn l-emendi, inkluż allura l-artikolu 188A (4), ingħad hekk f'wieħed mid-dibattiti parlamentari fl-istadju tad-diskussonijiet dwar dan l-Abbozz ta' liġi[8]-

*".....din hija liġi maħsuba biex il-persuni b'diżabilità jinqatgħu għal kollox mill-kunċett ta' interdizzjoni u mill-inkapaċitazzjoni u jekk ma jkunux jistgħu jieħdu ħsieb ta' ħwejjiġhom, jinħatar kustodju li jkun jista' jirrappreżentahom b'mod aktar ekwu.*
*(......)*

*Il-guardianship se joffri saff ieħor ta' protezzjoni għal dawn in-nies li ma jkunux jistgħu jieħdu ħsieb tagħhom infushom b'mod aħħari għax b'din it-tip ta' għajnuna se jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet u d-deċiżjonijiet tagħhom fl-oqsma kollha tal-ħajja bl-ikbar mod possibbli. Għalhekk din il-liġi hija msejsa dwar il-kunċett tal-għażliet, deċiżjonijiet u azzjonijiet ħielsa ta' dawn il-persuni li għandhom jiġu rispettati sal-livell kollu possibbli."*

Ingħad hekk fil-każ **Automated Revenue Management Services Limited vs Adrian Muscat deċiż fit-30 ta' Ottubru 2017 -**

*"Jirriżulta illi l-Artikolu 519D tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:*

*Talba permezz ta' rikors għall-ħatra ta' kustodju għandha ssir lill-Bord dwar il-Kustodja skont l-artikolu 188A tal-Kodiċi Ċivili.*

*Jirriżulta illi l-Artikolu 188A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:*

[8] Seduta numru 513 tal-24 t'Ottubru 2012 paġna 601 et seq

*(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-Subtitolu II fuq l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni, persuna tal-età b'diżordni mentali jew b'kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha tista' tkun soġġetta għal kustodja.*

*Jirriżulta illi l-Artikolu 519F tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:*

*(1) Jekk il-Bord dwar il-Kustodja jidhirlu li hemm raġuni tajba għall-ħatra ta' kustodju, il-Bord għandu jipproċedi biex jagħmel dik il-ħatra u l-persuna hekk maħtura bħala kustodju għandha teżerċita l-funzjonijiet, l-obbligi u d-dmirijiet kollha previsti fir- rigward ta' kustodji skont is-Subtitolu IA tat-Titolu VI tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili u skont dan it-Titolu.*

*Jirriżulta illi l-Artikolu 188B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabilixxi s-segwenti funzjonijiet lill-Kustodju:*

*Kustodju għandu:*

*(a) jkun responsabbli biex iħares il-benesseri personali u tal-proprjetà tal-persuna li tagħha jiġi maħtur bħala kustodju;*
*(b) jaġixxi minflok il-persuna li tagħha jkun ġie maħtur bħala kustodju f'materji ta' natura personali jew ta' proprjetà matul dak il-perjodu li fih dik il-persuna hi kunsidrata bħala mhux kapaċi li teżegwixxi xi att wieħed jew aktar tal-ħajja ċivili kif speċifikat fl-Ordni dwar il-Kustodja;*
*(ċ) jagħmel kull ħaġa oħra għal u f'isem il-persuna li tagħha jkun ġie maħtur bħala kustodju hekk kif ikun hekk ordnat jew awtorizzat jagħmel mill-Bord dwar il-Kustodja stabbilit taħt it-Titolu IIIA tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja jew kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmulin taħt dan is-Subtitolu.*

*Jirrizulta illi l-Artikolu 519F, sub artikoli (2) u (3) jagħmluha ċara illi:*

*(2) Fid-deċiżjoni jekk persuna għandhiex bżonn ta' kustodju jew le, il-Bord għandu jikkonsidra jekk il-ħtiġiet tal-persuna li dwarha sar ir-rikors jistgħux jiġu osservati permezz ta' mezzi anqas restrittivi fuq il-libertà tal-volontà u l-azzjoni tal-persuna.*

*(3) Meta l-Bord jagħmel ordni li jaħtar kustodju fir-rigward ta' persuna, l-ordni għandu jkun l-anqas restrittiv possibbli tal-libertà ta' deċiżjoni u azzjoni ta' dik il-persuna kemm jista' jkun possibbli fiċ-ċirkostanzi.*

*Jirriżulta illi t-talba għal Kustodja hija proċedura separata u distinta minn dik ta' Interdizzjoni u Inabilitazzjoni, u di fatti, l-Artikolu 520 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:*

*(1) It-talba għall-interdizzjoni jew għall-inabilitazzjoni fil-każijiet ta' diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmel persuna inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, ta' ġenn, jew ta' tberbiq, issir b'rikors lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.*

*Jirriżulta, għalhekk, illi l-proċedura tal-Kustodja hija differenti minn dik ta' Interdizzjoni u Inabilitazzjoni, u di fatti, l-Artikolu 519F, fis-subartikoli (5) u (6) jipprovdi illi:*

*(5) Il-Bord għandu permezz tar-Reġistratur tiegħu jinnotifika r-Reġistratur tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja dwar l-Ordnijiet kollha ta' Kustodja approvati jew revokati.*

*(6) Ir-Reġistratur tal-Bord għandu jżomm reġistru aġġornat tal-Ordnijiet kollha ta' Kustodja approvati jew revokati u l-kondizzjonijiet dwarhom.*

*Jirriżulta, madankollu, illi l-proċedura tal-Kustodja, kif ukoll dik ta' Interdizjoni u Inabilitazzjoni lkoll għandhom l-istess bażi, ossija "diżordni mentali jew kundizzjoni oħra li tagħmel persuna inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiegħa". Dana qiegħed jingħad għax tali dicitura tidher kemm fl-Artikolu 188A (1) tal-Kap 16, kif ukoll fl-Artikolu 520 (1) tal-Kap 16.*

*Jirriżulta, di fatti, illi tant il-leġislatur, huwa u jirrediġi l-liġi, kien qiegħed jikkontempla li l-persuna illi titqiegħed taħt Kustodja għandha l-istess ta' livell ta' inkapaċita' ta' persuna interdetta jew inabilitata, illi l-Artiklu 519M tal-Kap 16 jikkontempla illi:*

*(1) Kull persuna msemmija fl-artikolu 189(3) tal-Kodiċi Ċivili jew l-artikolu 521 ta' dan il-Kodiċi tista' titlob lill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja biex tibdel ordni ta' interdizzjoni jew ta' inabilitazzjoni f'Ordni ta' Kustodja u l-imsemmija Qorti tista' titlob il-parir tal-Bord dwar il-Kustodja.*

*(2) Meta l-Qorti tikkunsidra li hemm raġunijiet suffiċjenti biex issir il-bidla msemmija fis-subartikolu (1) il-Qorti għandha toħroġ Ordni ta' Kustodja u għandha tavża b'dan lill-Bord dwar il-Kustodja."*

Elenkati dawn il-kunsiderazzjonijiet u prinċipji ġurisprudenzjali, il-Qorti hija tal-fehma li l-għan ewlieni tal-artikolu 188A et seq tal-Kap 16 huwa li jipprovdi għal kustodja ġenerali ta' persuna li f'għajnejn il-liġi mhijiex meqjusa kapaċi u idonea li tieħu ħsieb ħwejjiġha b'mod ġenerali u fejn allura jinħatar kustodju li jkun jista' jirrapreżentaha għal dan il-għan. Huwa f'dak il-kuntest ukoll allura li jeħtieġ jiġi nterpretat is-subartikolu 4 tal-artikolu 188A fejn waqt li jkunu għaddejjin

proċeduri quddiemha l-Qorti tħoss li hemm il-ħtieġa li tiġi evalwata l-possibilta' li parti fil-kawża titqiegħed taħt kustodja għal dak li jirrigwarda l-ġestjoni u l-amministrazzjoni ta' ħwejjiġha. Quddiem din il-Qorti, fil-kawża odjerna, dan ix-xenarju ma mmanifestax ruħu.

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal Kap 627 tal-Liġijiet ta' Malta li daħħlet fis-seħħ biex timplimenta il-Konvenzjoni tal-Gnus Magħquda Dwar Drittijiet ta' persuni b'Diżabilta' li minħabba fija skont id-dibattiti parlamentari rispettiivi[9] saru l-emendi taħt il-Kodiċi Ċivili relatati mall-Kustodja, senjatament lartikoli 12 u 13 ta' l-istess Kap li jagħtu ukoll stampa ċara wara l-ħsieb ta' dawn l-emmendi.

Invece, ċ-ċirkustanza li għandha quddiemha f'dan l-istadju l-Qorti hija differenti. Fl-essenza tiegħu r-rikors in eżami huwa bażat fuq il-premessa li l-konvenut fil-kawża odjerna m'għandux il-kapaċita' li joqgħod fil-kawża bħala konvenut minħabba diżordni mentali kif fil-fatt huwa kontemplat fl-artikolu 781 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kull ma għandha a dispożizzjoni tagħha l-Qorti hija biss allegazzjoni magħmula minn iben il-konvenut permezz ta' rikors mhux ġuramentat, u ċertifikat sa issa wkoll mhux ġuramentat minn psikjatra li jagħti ħjiel dwar l-istat mentali tal-konvenut kif irriżultalu minn eżami li għamel lill-istess konvenut ftit aktar minn xahar qabel ma ġew intavolati l-proċeduri odjerni. Huwa vera li dak iċċertifikat inħareg minn tabib psikjatriku ta' esperjenza li li jgawdi rispett mill-Qrati rifless dan fid-diversi nomini li gawda minn dan l-aspett, pero waħdu ma jwassalx għal effett li trid il-liġi fuq l-abbilta' konjittivi ta' Joseph Pace fil-ħin u żmien li hu ffirma l-konvenju *de quo*.

[9] Ibid.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, u anke sabiex tiġi evalwata l-possibilita' tal-għoti tad-dritt ta' difiża lill-konvenut permezz ta' kuratur *ad litem*, jekk ikun il-każ, il-Qorti tqis opportun li, l-ewwel u qabel kollox, a spejjeż tal-istess konvenut taħtar psikjatra ndipendenti sabiex jevalwa jekk Joseph Pace huwhiex kapaċi li joqgħod f'din il-kawża bħala konvenut għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi ir-rikors tar-rikorrent Christopher Pace tas-26 ta' Jannar 2021 billi –**

**1. Tiċħad l-ewwel talba marbuta mar-referenza tal-kwistjoni tal-inkapaċita' mentali tal-konvent lill-Bord dwar il-Kustodja;**

**2. F'dan l-istadju tissospendi d-deċiżjoni tagħha dwar it-tieni talba marbuta mal-estensjoni tal-għoxrin jum għall-preżentata tar-risposta ġuramentata;**

**3. Tilqa' t-tielet talba fis-sens li tqis opportun li, a spejjeż tal-konvenut, tordna l-ħatra ta' psikjatra ndipendenti sabiex jiddetermina jekk Joseph Pace huwhiex kapaċi li joqgħod f'din il-kawża bħala konvenut għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi senjatament ai termini tal-artikolu 781 (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dan il-għan tordna lill-partijiet biex fi żmien ġimgħa mill-lum, permezz ta' Nota, jindikaw lil din il-Qorti sa massimu ta' tlett ismijiet ta' psikjatri kull wieħed ħalli wara hija tgħaddi biex tagħmel in-nomina formali kif fuq ingħad.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**